MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-8 ta' April, 2003

Citazzjoni Numru. 2278/2000/1

**Sylvana Mamo.**

**vs.**

**Alex Mamo.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici tal-10 ta’ Ottubru 2000 a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti kienu zzewgu fis-16 ta’ Lulju 1991 u miz-zwieg taghhom twieldu erbat itfal u cjoe` Alison ta’ hdax-il (11) sena; Ermelinda ta’ seba` (7) snin; Kerston ta’ erba` (4) snin u Alex Junior ta’ sentejn (2);

Illi l-konvenut irrenda ruhu hati ta’ adulterju, abbandun, sevizzi, mohqrija u eccessi fil-konfront ta’ l-attrici u ghalhekk il-hajja konjugali m’ghadhiex aktar possibbli;

Illi l-istess konvenut mhux qed jghaddi manteniment ghal martu u ghal uliedu Alison, Ermelinda, Kerston u Alex Junior;

Illi l-attrici hi debitament awtorizzata permezz ta’ digriet tas-Sekond’ Awla numru 1011/00 tas-6 tal Lulju 2000 sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni personali minn ma’ zewgha;

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija tal-konvenut;

2. Tassenja lilha l-kura u l-kustodja ta’ wliedhom Alison, Ermelinda, Kerston u Alex Junior;

3. Tikkundanna lil konvenut ihallas lill-attrici ghaliha u ghat-tfal imsemmija dik is-somma li joghgobha tiffissa ghall-manteniment taghhom;

4. Tordna l-likwidazzjoni, divizjoni u xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;

5. Tawtorizza illi tirriverti ghal kunjom xbubitha u cjoe` il-kunjom ‘Fenech’.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut illi hu ngunt biex jidher u ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol.3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda a fol. 3 tal-process;

Rat li ghalkemm il-konvenut kien debitament notifikat bic-citazzjoni attrici u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza fid-19

t'Ottubru 2001 (a tergo ta' fol. 17), baqa` ma pprezenta l-ebda nota ta' eccezzjonijiet u ghalhekk huwa kontumaci;

Rat il-verbali ta' l-14 ta' Gunju 2001, ta' l-24 ta' Settembru 2001 fejn il-kawza giet differita ghan-notifika tal-konvenut; tat-22 ta' Novembru 2001 fejn il-Qorti nnominat lil Dr. Deborah Farrugia bhala Assistent Gudizzjarju biex tigbor il-provi u stiednet lill-konvenut sabiex jaghmel rikors ghall-gustifikazzjoni tal-kontumacja tieghu; tas-17 t'Ottubru 2002; u tas-26 ta' Marzu 2003 fejn id-difensuri ddikjaraw li bhala komunjoni tal-akkwisti m'hemm xejn x'jigi likwidat hlief ghamara li qablu fuqha l-partijiet. Fuq manteniment l-attrici ma tinsistix peress li l-konvenut hu dizokkupat. Il-kawza giet differita ghas-sentenza.
Rat it-talba ta' l-attrici tas-17 t'April 2000 sabiex tigi ammessa ghal beneficcju gratuitu; rat id-digriet tas-27 ta'April 2000 fejn l-attrici giet assenjata bhala difensuri l-Avukat u l-Prokuratur Legali ta' l-elenku li lilhom imiss it-turn;

Rat l-avviz tas-17 t'April 2002 fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace;

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju fejn gew ipprezentati l-affidavits ta' l-attrici Sylvana Mamo, ta' Censina Fenech u Joseph Fenech, omm u missier l-attrici rispettivament u dokumenti "SM1" sa "SM5" a fol. 32 sa 36 tal-process;

Rat ir-rikors ta' l-attrici fejn talbet l-awtorizzazzjoni ghal zieda fit-talbiet fic-citazzjoni; rat id-digriet tal-21 ta' Novemrbu 2002 fejn il-Qorti tilqa` t-talba u ordnat in-notifika ta' l-istess digriet lil Dr. Deborah Farrugia;

Rat dak sottomess mill-konvenut tramite d-difensur tieghu ghal dik is-seduta, Dr. Frank Cassar, tas-7 ta' Novembru 2002.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### I) PROVI PRODOTTI.

L-**attrici** fl-affidavit taghha tghid:-

*"Illi nghid illi jiena zzewwigt lil Alex Mamo nhar is-16 ta' Lulju 1991, hekk kif jindika c-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dokument "SM1".*

*Illi jiena kelli l-et`' ta' wiehed u ghoxrin sena.*

*Illi jiena mill-ewwel kelli problemi ma' zewgi Alex Mamo u dan ghaliex huwa kien aggressiv u vjolenti fil-konfront tieghi. Dan Alex Mamo kien issawwatni kwazi kuljum u kellu l-vizzju tad-drogi u tal-loghob.*

*Illi dak iz-zmien ahna konna noqghodu Rahal il-Gdid.*

*Illi jiena domt nissaporti lil zewgi ghal disa' snin shah u dan allavolja illi huwa kien madwar tlett darbiet gewwa l-Habs Civili ta' Kordin. Jiena xorta wahda bqajt nistennieh u niehu hsiebu, izda kull darba illi huwa kien johrog mill-habs kien jigi joqghod mieghi u jerga' jibda issawwatni, jiehu drogi u jilghab.*

*Illi jiena minn dan Alex Mamo kelli erbat itfal bl-isem ta' Alison, li illum ghandha erbatax-il sena, Ermelinda, li ghandha disa' snin, Kersten, li ghandha hames snin u Alex Junior li se jaghlaq erba' snin hekk kif jindikaw ic-certifikati tat-twelid hawn annessi u mmarkati bhala Dokumenti "SM2" sa "SM5" rispettivament.*

*Illi jiena xorta wahda bqajt inrabbi t-tfal li kelli minn dan Alex.*

*Illi sahansitra Alex kien krieli flat gewwa l-Gzira sabiex jiena nipprostitwixxi ruhi halli niffinanzjalu l-vizzju tieghu tad-droga.*

*Illi jiena minhabba f'hekk kelli naghmel rapport mal-Pulizija Esekuttiva u fil-fatt kien investiga l-kaz l-Ispettur Stephen Gatt u kienet ghenitni social worker certa Caroline Grech Bonnici.*

*Illi minhabba f'hekk jiena mbaghad kelli insakkar lil erba' uliedi gewwa l-Istitut ta' Santa Katarina gewwa z-Zurrieq.*

*Illi uliedi qeghdin gewwa l-istitut minhabba Care Order illi kien inhareg fuq l-erba' uliedi.*

*Illi l-konvenut meta konna noqghodu flimkien kien ukoll gieli ikeccini mid-dar halli jigu joqghodu hutu mieghu u jekk jiena ma kontx naghmel dak li huwa jghidli kien jinfexx isawwatni.*

*Illi l-konvenut kien jghidli ukoll illi meta binti l-kbira u cjoe' Alison tikber huwa ried izommha ghalih biss u fi kliemu 'juzaha huwa biss'. Dan il-kliem il-konvenut kien jghiduli quddiem binti Alison stess.*

*Illi jiena ma stajt nibqa' nghix din il-hajja u ghalhekk kelli nitlaq.*

*Illi bhala affarijiet iIli jikkomprendu l-komunjoni ta' l-akkwisti dan hemm biss ftit ghamara li tinsab f'post tal-Gvern f'Rahal il-Gdid, fejn jiena kont noqghod ma' Alex u cjoe' il-konvenut. Din l-ghamara nxtrat fiz-zwieg."*

Illi omm l-attrici **Censina Fenech** fl-affidavit taghha tghid:-

*"Illi jiena nigi omm l-attrici Sylvana Mamo.*

*Illi binti kienet izzewget lil certa Alex Mamo.*

*Illi dan iz-zwieg ta' bejniethom mill-ewwel ma rnexxiex ghaliex binti kienet tigi mahqura u msawta minn dan Alex Mamo.*

*Illi jiena naf b'dan personalment ghaliex darba minnhom dan Alex kien seraq xi flus lil ibni u cjoe' lil hu Sylvana mill-kartiera tieghu, Sylvana fil-fatt kienet qalet Iil zewgha*

*Alex b'dan u qaltli ukoll illi dawk il-flus kienu ta' huha u talbitu sabiex irroddhomlu lura. Dan Alex fil-fatt kien irvilla u kien habbtilha rasha mal-corner tal-hajt u kien sahansitra intervjena missierha u ibni Charlie sabiex zammew lil dan Alex milli jkompli jsawwat lil binti Sylvana. Illi dan ma kienx l-unika ncident ta' bejniethom ghaliex kien hemm diversi ncidenti ohra fejn binti Sylvana giet imsawwta u mghajra bil-familja taghha. Din tas-swat jiena nafha ghaliex m'hijiex l-ewwel darba illi Sylvana kienet tigi ghandi msawta u bit-tbengil fuqha u bil-marki fuq il-persuna taghha.*

*Illi gieli Sylvana sabiex tghattilu kienet tghidii illi hija kienet waqghet u weggghet.*

*Illi meta z-zwieg ta' bejniethom kien tkisser Sylvana kienet tghidli iIli Alex kellu wkoll iI-problema tad-dipendenza fuq id-droga. Sylvana kienet fethet qalbha mieghi u qaltli illi dan Alex kien jibghatha tfittxlu l-flus halli huwa jkun jista' jixtri d-droga u meta ma kienx jimexxielha issiblu dawn il-flus huwa kien jinfexx isawwatha.*

*Illi jiena naf hafna dwar ir-relazzjoni illi kellha binti ma' dan Alex ghaliex qabel iz-zwieg huwa kien joqghod maghna.*

*Illi niftakar precizament qabel iz-zwieg ta' binti ma' dan Alex, l-istess Alex kien sawwatha quddiemi u dan ghaliex Alex kien talabha xi flus lil Sylvana bl-iskuza li ried jirranga l-post fejn ahna konna noqghodu u l-istess Sylvana kienet irritjutat li taghtih l-istess flus ghaliex kienet taf illi l-flus huwa riedhom ghal skopijiet ohra.*

*Illi niftakar ukoll illi quddiemi stess dan Alex qal lil Alison li tigi t-tifla l-kbira ta' binti Sylvana u li tigi wkoll ghalhekk bintu stess huwa kien jghidlha l-precizi kelmiet: "Intl m' intix it-tifla tieghi."*

Illi missier l-attrici **Joseph Fenech** fl-affidavit tieghu jghid:-

*"Nghid illi jiena nigi missier l-attrici Sylvana Mamo.*

*Illi jiena lil zewgha Alex nafu ghaliex qabel ma' binti kienet izzewgitu buwa kien ghamel zmien joqghod maghna.*

*Illi jiena kont ninnota li dan Alex kien ikun dejjem mitluq u ma jrid jaghmel xejn.*

*Illi wara fil-fatt konna skoprejna iii huwa kellu l-problema tad-droga.*

*Illi dan Alex ma kinx jitratta lil Sylvana sew. Huwa fil-fatt kien dejjem jidghi u jitkellem hazin u anke jghajjar lii binti Sylvana.*

*Illi jiena naf dan personalment ghaliex meta Alex kien joqghod maghna, kien hemm okkazzjonijiet fejn jiena stess u uliedi subien kellna nintervjenu halli nzommu lil dan Alex milli jkompli jsawwat u jerfa' jdejh fuq binti Sylvana.*

*Illi Sylvana kienet issaportiet ferm din is-sitwazzjoni u ghamlet minn kollox halli hija ssalva r-relazzjoni taz-zwieg. Tant huwa hekk illi wara z-zwieg hija ma kienet tghidilna b'xejn dwar is-swat u l-mohqrija illi hija kienet qegheda tissaporti. Madanakollu, ahna u cjoe' jiena u marti xorta wahda konna qeghdin nindunaw b'dan ghaliex din Sylvana kienet tigi ghandna bit-tbengil u l-marki fuq il-persuna taghha. Meta ahna konna fil-fatt insaqsuha x'kienu dawk il-marki, hija kienet dejjem tkun pronta u tivvinta xi skuza sabiex tghatti dak illi kien qieghed jghamlilha zewgha, Alex.*

*Illi l-istorja kollha dwar swat, mohqrija u vjolenza psikologika sirna nafu biha meta din Sylvana ma setghetx tissaporti aktar u ddecidiet illi din is-stwazzjoni ma tistax tkompli sejra. Hija mbaghad kienet fethet qalbha maghna halli ahna nkunu nistghu nghinuha."*

## II) APPREZAMENT TAL-PROVI.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut kien hati verso l-attrici ta' abandun, sevizzi, mohqrija u eccessi gravi fil-konfront ta' l-attrici u ta' uliedu, tant li l-hajja ta' l-istess

attrici mal-istess konvenut ma tistax ma tigix deskritta bhala wahda miskina, fejn il-konvenut immaltratta severament lill-istess attrici, u kien hati verso taghha ta' vjolenza domestika fin-natura estrema taghha, u dan anke forsi dovut ghall-vizzju tad-droga li l-istess konvenut jidher li inqabad fih; izda mhux hekk biss izda jidher li l-istess konvenut ried jinqeda` mill-attrici b'kollox u b'kull mod tant li kien sforzaha tipprostitwixxi ruhha u sahansitra, skond l-attrici kien qed ihajjar lil bintu ghal dan il-ghan ukoll, u ghalhekk fl-isfond ta' din it-tragedja umana, din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni ghar-ragunijiet hawn appena ndikati imputabbli eskussivament lill-konvenut, li anke ghamel zmien fil-Facilita' korrettiva ta' Kordin, u fil-fatt il-partijiet ilhom separati *de facto* mal-hames (5) snin.

Illi dwar it-talba ghall-manteniment ghall-attrici u ghall-istess uliedu, ghalkemm din il-Qorti zzomm ferm l-istess dritt ta' l-attrici u ta' uliedha ghall-manteniment taghhom minghand il-konvenut, pero' f'dan l-istadju tal-hajja tal-kontendenti, dan ma jistax jigi moghti kemm peress li l-konvenut jinsab dizokkupat, kif ukoll peress li l-istess ulied il-minuri kollha m'humiex fil-kura u kustodja ta' l-istess attrici peress li huma soggetti ghal Care Order, u l-istess ulied jinsabu lkoll rikoverati f'istituti tas-sorijiet.

Illi dwar l-kura u kustodja ta' l-istess minuri din il-Qorti invista ta' l-istess Care Order, ma tistax tilqa' l-imsemmija talba attrici, ghalkemm jekk ic-cirkostanzi jinbiddlu l-attrici tista' taghmel tali talba fil-futur, b'dan li l-access ghall-minuri mill-konvenut ghandu jigi kkonsidrat biss taht supervizzjoni u wara li l-konvenut jipprova li huwa attenda kors idoneju sabiex jehles mill-vizzju tad-droga u jforni c-certifikati relattivi li dan ghamlu b'success supportati wkoll minn certifikati medici relattivi.

Illi dwar il-komunjoni ta' l-akkwisti ma jidhirx li din kienet tikkonsisti f'xejn ta' valur u allura prevja d-dikjarazzjoni tax-xoljiment ta' l-istess, m'hemm xejn formanti l-istess komunjoni x'jigi likwidat u diviz.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, filwaqt li **tichad it-tieni (2) u t-tielet (3) talba attrici, tilqa' t-talbiet attrici l-ohra, talbiet numri wiehed (1), erba' (4) u hamsa (5) biss kif hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija tal-konvenut minhabba abbandun, sevizzi, mohqrija u eccessi fil-konfront ta' l-attrici li ghalihom huwa imputabbli l-konvenut.

2. Tichad din it-talba biex tassenja lill attrici l-kura u l-kustodja ta' wliedhom Alison, Ermelinda, Kerston u Alex Junior, u dan peress li jirrizulta mill-atti tal-kawza u minn ammissjoni taz-zewg partijiet li l-istess minuri huma s-suggett ta' *Care Order* li permezz taghha l-istess minuri tpoggew f'istituti adatti tas-sorijiet.

3. Tichad f'dan l-istadju din it-talba biex tikkundanna lil konvenut ihallas lill-attrici ghaliha u ghat-tfal imsemmija dik is-somma li joghgobha tiffissa ghall-manteniment taghhom, u dan kemm peress li jirrizulta li l-istess konvenut m' ghandu l-ebda introjtu tieghu, u wkoll peress li ghar-rigward tal-manteniment tal-minuri, l-istess ma jinsabux fil-kura u kustodja ta' l-istess attrici, izda jinsabu protetti b'*Care Order* apposita. *Nonostante* dan d-dritt ta' l-attrici ghaliha u ghal uliedha jibqa' ferm sabiex jigi vantat minnha skond il-ligi kemm-il darba jkunu jezistu c-cirkostanzi idoneji sabiex dan jigi affermat kemm fil-kaz li l-konvenut ikollu xi forma ta' ntrojtu u kif ukoll fil-kaz tal-minuri jekk l-istess attrici jkollha eventwalment il-kura u kustodja ta' l-istess.

4. Tordna x-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti u dan b'effett mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni attrici fl-10 ta' Ottubru 2000, u tiddikjara li peress li mill-provi rrizulta li l-istess komunjoni ma kienet tikkonsisti f'xejn partikolari ta' xi valur, allura ma hemm xejn x'jigi likwidat u diviz.

5. Tawtorizza lill-attrici sabiex tirriverti ghall-kunjom xbubitha u cjoe` il-kunjom 'Fenech'.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------